MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2014

Numru. 548/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**Martin Agius**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet datati 6 ta' Ġunju, 2014 fil-konfront ta' Martin Agius, ta' 42 sena, iben Vincent u Alexandra xebba Bigeni, imwieled Pieta' nhar it-28 ta' Frar, 1972 u residenti ġewwa 26, Marjen, Fl2, Triq Nigel Dennis, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita' numru 123372M.

L-imputat akkużat talli:

1. F'xi ġurnata matul ix-xahar ta' Jannar ġewwa mħażen tal-merkanzija tal-Air Malta ġewwa Ħal Luqa, ikkometta serq ta' apparat ċellulari ta' marka Alcatel għad-dannu tal-Kumpanija Go Mobile u jew intrappriżi oħra; liema serq huwa ikkwalifikat bil-persuna, bil-valur, bil-lok u bi ksur tal-Art. 268(c), 267, 269(d) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tas-7 ta' Lulju 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 8 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu u wara li tagħtu ftit taż-żmien sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputat;

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena u senjatament :

(a) lill-Avukat Difensur li tenni li minħabba li parti mir-refurtiva ma setgħetx tiġi ritornata lura lid-derubat, l-imputat, qabel is-seduta tal-lum ħallas il-valur kollu tar-refurtiva li ma setgħetx tiġi ritornata fl-ammont ta' tliet mija sitta u tletin euro (€336) valur ta' erba' mobile phones meritu ta' dan il-każ;

(b) lill-Uffiċjal Prosekutur li kkonferma li qabel is-seduta tal-lum, id-derubati Go plc ikkonfermaw miegħu li kienu tħalsu l-ammont imsemmi mid-Difiża;
(c) il-partijiet qablu li f'dan il-każ il-Qorti setgħet tikkonsidra li tingħata piena taħt il-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta; huma infurmaw il-Qorti li l-kumpanija li magħha jaħdem l-imputat, minkejja dan il-każ għażlet li xorta waħda żżommu fl-impjieg tagħha.

Il-Qorti wara li rat il-fedina penali tal-imputat, sabiex tiddetermina jekk huwa jikkwalifikax għal xi waħda mill-miżuri msemmija fil-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament dawk naxxenti mill-Artikoli 11 u 18 tal-istess Kap ordnat li jsir rapport verbali minn Uffiċjal adett mad-Dipartiment tal-Probation u Parole;

Rat li nhar il-21 ta' Lulju 2014, l-Uffiċjal tal-Probation u Parole Odelsie Bayliss irrediġiet u ppreżentat rapport verbali fejn ġie rakkomandat li l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' servizz fil-komunita skont l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u li dan ikun jikkonsisti f'xogħol li jsir bla ħlas skont l-arranġamenti mħejjija mid-Dipartiment tal-Probation u Parole skont kif approvati minn din il-Qorti.

***GĦALDAQSTANT : -***

Wara li rat l-Artikoli 261(c)(d)(e), 267, 268(c), 269(d), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda ssib, lil **Martin Agius** fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, **ħati** tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu; iżda peress li hija tal-fehma li f'dan il-każ jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikoli 11(1)(2) u 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta għalbiex issir is-segwenti ordni, qegħda tpoġġi lill-ħati Martin Agius taħt Ordni ta' servizz fil-komunita' bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas fil-komunita' għal mija u ħamsin (150) siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tagħmel din l-Ordni wara li fissret lill-Martin Agius bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' servizz fil-komunita' kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu mal-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom jinstab ħati b'din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni għandhom jiġu trasmessi minnufih lill-Martin Agius, lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal tas-servizz fil-komunita assenjat lill-ħati u lill-awtoritajiet u aġenziji kollha responsabbli għas-sorveljanza tal-ordni ta' servizz fil-komunita'.

L-Uffiċjal għas-servizz fil-komunita' assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-imsemmi Martin Agius kull sitt (6) xhur.

***Moghtija illum 26 ta' Settembru 2014 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------